**QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**Magistrat Dr. Joseph Mifsud B.A. (Legal & Int. Rel.), B.A. (Hons), M.A. (European), LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Bernard Charles Spiteri)**

**vs.**

**Ernest Cilia**

Vat Kaz Numru 848/2012

Illum 20 ta' Ottubru 2015

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat **Ernest Cilia**, bin Emmanuele u Matilda nee' Pisani, imwieled fl-4 ta' Frar, 1961 u residenti fil-fond Carlo Flats, FL 7, Triq il-Qbajjar, Zebbug, Ghawdex u detentur tal-karta tal-identita' numru 141661(M) li fuq talba tal-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud gie:

Akkuzat talli ghan-nom u in rapprezentanza ta' **MALTATEL LIMITED**, u/jew bhala persuna registrata mal-Kummissarju tat-

Taxxa fuq il-Valur Mizjud skont l-Att tal-1998 dwar Taxxa fuq il-Valur Mizjud (Att Nru. XXIII tal-1998) u regolamenti maghmula bis-sahha tal-istess Att, naqas sal-hmistax-il jum tat-tieni xahar li jigi wara l-ahhar jum li fih intemmu z-zminijiet ta' taxxa relattivi li jibghat lill-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud (7) id-denunzja, flimkien mal-hlas dovut, li saru dovuti fil-perjodu li ntemmu fit-30 ta' Gunju 2010 sal-31 ta' Dicembru 2011 u dan bi ksur tal-artikolu 27, 66 u 76(c) tal-Att Nru. XXIII tal-1998;

Il-Qorti giet mitluba li f'kaz ta' htija, minbarra li tinfliggi l-piena skont il-ligi, tordna lill-imputat jikkonforma ruhu mal-ligi fi zmien bizzejjed biex ikun jista' jaghmel dan, liema zmien m'ghandux jaccedi tlett xhur, taht multa ta' mhux inqas minn €5 u mhux iktar minn €20 ghal kull jum li dak in-nuqqas ikompli wara li jghaddi l-imsemmi zmien moghti mill-Qorti;

Rat l-artikoli 27 u 76(c) tal-Kap. 406 tal-Ligijiet ta' Malta;

Semghet ix-xhieda;

Rat id-dokumenti esebiti;

**Ikkunsidrat**

Illi l-imputazzjoni migjuba kontra l-imputat tirrizulta.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti, wara li rat l-artikoli 27 u 66 u 76(c) tal-Kap. 406 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat hati tal-imputazzjoni migjuba kontra tieghu u tikkundannah multa ta' seba' mitt Euro (€ 700.00).

Il-Qorti, b'applikazzjoni tal-artikolu 76 tal-Att Nru. XXIII tal-1998 tordna lill-imputat Ernest Cilia sabiex fi zmien tliet xhur

mil-lum jikkonforma ruhu mal-ligi u fin-nuqqas jehel multa ohra ta′ hames ewro (€5) ghal kull jum li matulu jkompli n-nuqqas wara li jghaddi l-imsemmi zmien.

__________________________

**Dr. Joseph Mifsud**
**Magistrat**